Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Illum, il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017.

Appell Civili numru:- 7/2017

**Agius Services Limited (C17560) (appellanti)**

**vs**

**Damon Hili (K.I.: 23402L) (appellat)**

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' Agius Services Limited tas-27 ta' Jannar 2017** quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema ppremettiet illi: (i) il-konvenut kien impjegat maghha b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit; (ii) huwa abbanduna x-xoghol qabel ma ghalaq il-perjodu ta' impjieg kuntrattat bejn il-partijiet; (iii) is-socjeta' attrici hija ghalhekk kreditrici fil-konfront tal-konvenut fl-ammont ta' elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin euro u tliet centezmi (€1,924.03) li tirraprezenta nofs il-paga li ghaliha l-konvenut kien ser ikun intitolat li kieku huwa wettaq il-kuntratt ta' impjieg li huwa kellu maghha ghall-perjodu shih tieghu. Is-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal sabiex (a) jiddikjara li l-konvenut abbanduna x-xoghol illi huwa kellu maghha; (b) jiddikjara illi l-istess konvenut huwa debitur fil-konfront taghha fl-ammont imsemmi; u (c) jikkundanna lill-konvenut ihallasha tali somma.

Rat ir-**Risposta tal-konvenut Damon Hili tal-20 ta' Frar 2017**[1] li permezz taghha eccepixxa li (i) t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa gie mkecci mix-xoghol minghajr raguni valida u mhux minnu li abbanduna x-xoghol; u (ii) bla pregudizzju, l-ammont reklamat mhux dovut.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tal-21 t'April 2017** li ddecidiet hekk –

*"Illi fic-cirkostanzi odjerni, it-Tribunal iqis li l-eccezzjonijiet tal-Konvenut jimmeritaw li jigu*

[1] Fol 9 et seq.

*milqugha;*

*Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jichad it-talba attrici. Spejjez a karigu tas-Socjeta' Attrici."*

Is-socjeta" attrici appellat mis-sentenza. L-appellat ma wegibx bil-miktub izda waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2017 saret trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

Il-Qorti qrat l-atti.

L-aggravju tas-socjeta" appellanti huwa li t-Tribunal:

1. Naqas milli jevalwa korrettement il-fatti; u

2. Interpreta u applika l-ligi skorrettement.

**FATTI**

i. Fil-**11 ta' Settembru 2013** l-appellat beda jahdem mas-socjeta' appellanti bhala Stacker/Order Picker/Storekeeper[2]. Il-kuntratt kien wiehed ghal zmien definit ta' tliet xhur li kellu jiggedded awtomatikament ghall-perjodi sussegwenti ta' sitt xhur kull darba sakemm xi hadd mill-partijiet ma jaghtix avviz ta' terminazzjoni almenu hmistax qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi[3];

ii. Fis-**16 ta' Frar 2015** is-socjeta' appellanti harget MEMO (Ref: B/0006) intiza li tirregola l-ghoti tal-vacation leave lill-impjegati ghas-sena 2015[4]. Sintetikament din kienet tistabbilixxi li:

- Mis-sena 2015, l-ghoti ta' *vacation leave* lill-impjegati kollha jrid ikun pjanat minn qabel sabiex il-kumpanija tkun tista' topera b'anqas diffikulta'.

- Il-perjodi mid-9 sat-22 t'Awissu u x-xahar kollu ta' Dicembru gew indikati bhala *stop leave* minhabba li jizdied ix-xoghol fil-kumpanija.

- Kull impjegat kellu jibbukkja 20 gurnata *leave* u jkun intitolat ghal erbat ijiem *optional leave.*

- Jekk ikun hemm x'impjegat li jkun qed jahseb sabiex jippjana xi safra jew vakanza, dan ghandu l-ewwel jikkomunika mat-taqsima tar-Rizorsi Umani, jinfurmahom bix-

[2] Kuntratt tal-Impjieg a fol 15 et seq.

[3] Skeda A tal-Kuntratt a fol 17.

[4] Fol 19 et seq.

xewqa tighu imbaghad meta jkollu l-*Go Ahead*, jibbukkja s-safar. Mhux se tigi tollerata l-prattika li l-ewwel jigi bbukkjat is-safar imbaghad jigi ibbukkjat il-*Vacation Leave*. L-esigenzi tal-kumpannija jigu l-ewwel.

- Sa fejn possibbli l-Kumpanija kkommettiet ruhha li taghmel dak kollu possibbli sabiex tapprova l-leave kif mitlub sakemm ma jkunx ta' detriment ghall-operat taghha.

iii. L-appellat ircieva din ic-cirkolari u ffirma ghaliha fis-**27 ta' Frar 2015**[5];

iv. F'**Dicembru 2015** l-appellat ikkomunika permezz ta' SMS ma' Joseph Vella, skrivan mas-socjeta" appellanti fejn qallu li *"ghandu bzonn leave ghal Lulju tal-elfjen u sittax (2016) peress li kien sejjer safra*[6]*."* Min-naha tieghu Joseph Vella ma rrispondiex lill-appellat ghal dan l-SMS izda ghaddieh lill-imghallem Joseph Agius, *Manager* tas-socjeta" appellanti[7]. Joseph Agius xehed li testwalment dan l-SMS kien jaqra hekk – *"Nixtieq nibbukja il-leave bejn l-ewwel u t-tmienja ta' Lulju ghax qtajt it-tickets ghal safra*[8]*";*

v. Dakinhar stess li gie nfurmat b'din it-talba, u cioe' fl-**10 ta' Dicembru 2015** Joseph Agius ikkomunika mal-appellat permezz ta' SMS fejn qallu hekk[9] -

*"Damian, ghadni kemm gejt infurmat minn Joseph Vella bit-talba tieghek sabiex tibbukja il-leave bejn l-1 u it-8 ta Lulju tat-2016 ghas-safar. Naghmillek referenza ghal-memo B-0006 li iffirmjajt ghalih int nhar is-27 ta' Frar 2015 fejn huwa kkwotat car illi int kellek obbligu l-ewwel li tinforma il-human resources bix-xewqa tieghek, imbaghad jekk ikollok il-go ahead minghand il-kumpannija tkun tista tippjana is-safar, inti ghazilt li tinjora din il-policy u ghaldaqstant b'dan qed ninfurmak illi t-talba tieghek qed tigi michuda";*

vi. *Print-out* tal-biljetti tas-safar ibbukjati mill-appellat ghall-itinerarju minn Malta ghal Copenhagen u lura ghall-perjodu mill-1 sat-8 ta' Lulju 2016 hija datata **31 ta' Dicembru 2015**[10];

vii. Fis-**27 ta' Dicembru 2015** is-socjeta' appellanti harget MEMO iehor (Ref: B/0017) intiza li tirregola l-ghoti tal-*vacation leave* lill-impjegati ghas-sena 2016[11]. Fost affarijiet ohra din tghid

---

[5] Fol 21.

[6] Fol 65.

[7] Xhieda ta' Joseph Vella a fol 65.

[8] Fol 56.

[9] Fol 56.

[10] Fol 72-73.

[11] Fol 22 et seq. Giet esibita mill-appellat kopja ta' din il-Memo, bil-verzjoni bil-Malti biss li ggib id-data tat-**2 ta' Jannar 2016.** F'kull kaz, li hu relevanti huwa li l-appellat gie notifikat bil-MEMO fl-4 ta' Jannar 2016

hekk –

- Fiz-zmien tas-sajf mill-15 ta' Gunju sas-16 ta' Settembru 2016 u x-xahar kollu ta' Dicembru gew indikati bhala *stop leave* minhabba li jizdied ix-xoghol fil-kumpanija.

- Il-kumpanija kienet ser taghti koncessjoni lil kull impjegat li jkun jista' jibbukkja gurnata wahda shiha leave fil-gimgha tal-festa tal-belt jew rahal tal-ghazla tieghu.

- Il-kumpanija tirriserva d-dritt li f'kazijiet estremi tawtorizza leave waqt il-granet immarkati bhala *stop leave*.

- Kull impjegat kellu jibbukkja 20 gurnata *leave* u jkun intitolat ghal erbat ijiem *optional leave.*

- Kull impjegat kellu jassikura li l-formoli tal-leave ibbukjat ikunu lesti u approvati jew rifjutati permezz ta' firem mill-Management jew mir-Rizorsi Umani sa mill-inqas hamest ijiem qabel id-data bbukjata.

- Jekk ikun hemm xi impjegat li jkun qed jahseb sabiex jippjana xi safra jew vakanza, dan ghandu l-ewwel jikkomunika mat-taqsima tar-Rizorsi Umani, jinfurmahom bix-xewqa tighu imbaghad meta jkollu l-konferma jibbukkja s-safar. Waqt li regghet saret referenza ghall-MEMO tas-sena precedenti, rega' gie enfasizzat li ma kinetx ser tigi tollerata l-prattika li l-ewwel jigi bbukkjat is-safar imbaghad jigi ibbukkjat il-*Vacation Leave*. L-esigenzi tal-kumpannija jigu l-ewwel.

- Kull impjegat kellu jimla l-kalendarju tal-*Vacation Leave* u jghaddih lill-ufficcju tar-rizorsi umani it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016.

- Il-Kumpanija regghet ikkommettiet ruhha li taghmel dak kollu possibbli sabiex tapprova l-*leave* kif mitlub sakemm ma jkunx ta' detriment ghall-operat taghha.

viii. L-appellat ircieva din ic-cirkolari u ffirma ghaliha fl-**4 ta' Jannar 2016;**

ix. Fil-**11 ta' Mejju 2016** l-appellat applika formalment ghall-*leave* ghall-perjodu mill-1 sat-8 ta' Lulju 2016 fuq il-formola appozita[12]. Huwa jghid li ghamel dan ghax *"kienet kellmitni Josianne Mercieca li flimkien ma' Joe Vella kienet tiehu hsieb il-leave u qaltli "Nahseb ha nirrangawlek xi haga" u gaghlitni nimla l-formola. Imlejna l-formola u xi hmistax qabel qaltli li ghall-leave ma rrangajniex*[13]*"*;

[12] Fol 29.

[13] Fol 68.

x. Fl-**4 ta' Gunju 2016** Joseph Agius baghat ittra lill-appellat fejn qallu li l-applikazzjoni tieghu ghall-*leave* fid-dati msemmija kienet qed tigi rifjutata *"minhabba struzzjonijiet cari mnizzla fil-MEMO B/0017….Il-granet li inti tlabt sabiex tiehu vacation leave, jidhru mmarkati bl-isfar fuq l-istess MEMO u allura strettament STOP LEAVE. Dan huwa perjodu fl-aqwa tax-xoghol tas-sajf*[14] *"*;

xi. L-appellat ikkonferma li *"lili nfurmawni bil-miktub li l-leave li applikajt ghalih ma kienx ser jigi accettat. Jiena lil Joe Agius imbaghad ma ergajtx kellimtu*[15] *"*;

xii. Huwa pacifiku li l-appellat xorta wahda siefer. Huwa xehed hekk – *"Mistoqsi jekk jien hrigtx bil-leave xorta wahda, nghid li jien madankollu hrigt xorta wahda bil-leave*[16] *"*. F'xhieda sussegwenti huwa kompla jghid hekk – *"Qed nigi mistoqsi jekk jiena meta waslet il-gurnata li nsiefer tajtx xi avviz lil xi hadd nghid li le, jiena qbadt u sifirt*[17] *"*;

xiii. Peress li l-appellat ma rraportax ghax-xoghol fil-perjodu li kien imsiefer, is-socjeta' appellanti kitbet ittra lill-appellat fit-**8 ta' Lulju 2016**[18] fejn infurmatu li kienet qeghda tinterpreta n-nuqqas tieghu li jirrapporta ghax-xoghol b'dan il-mod –

*"….bhala abbandun da parti tieghek ta' xoghlok; u konsegwentement l-impjieg tieghek mal-kumpanija qed jitqies illi gie terminat minnek b'rizultat ta' tali abbandun b'effett mis-7 ta' Lulju 2016.*

*[……]*

*Dan kollu b'riserva ghal passi ghal danni fil-konfront tieghek, oltre kull jedd ta' azzjoni spettanti lill-Kumpanija; inkluz dak li jirrizulta mill-artikolu 36(12) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Kopja ta' din l-ittra ntbaghatet lid-Dipartiment responsabbli għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

xiv. L-appellat jghid li ma rcieva ebda karta mis-socjeta' appellanti sakemm dam imsiefer[19] u kif irritorna mis-safar huwa mar ghax-xoghol fejn sab lil Joseph Agius jilqghu u qallu *"Tersaqlix*

---

[14] Fol 28.

[15] Fol 68.

[16] Fol 58.

[17] Fol 69.

[18] Fol 43.

[19] Fol 58.

*aktar 'il hawn*[20]*"*. Dwar dan l-episodju l-ufficjal tas-sigurta' tas-socjeta" appellanti Mario Casha xehed[21] li dakinhar li rritorna ghax-xoghol l-appellat kien liebes l-uniformi u gie msejjah mid-direttur Joseph Agius li fil-prezenza tieghu qallu lil Damon, *"Inti hekk taghmel? qallu 'Tista' tmur, issa nitkellmu bl-avukat' u f'dak il-punt il-konvenut staqsih u qallu 'Jigifieri jien nista' nitlaq?", qallu "Iva, mbaghad nitkellmu bl-Avukat." F'dak il-punt il-konvenut dar u telaq."*

xv. Fit-**8 ta' Lulju 2016** ukoll, is-socjeta" appellanti issottomettiet il-formola tat-terminazzjoni ta' mpjieg tal-appellat lill-awtorita' kompetenti[22]. Originarjament hija ndikat zewg ragunijiet ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, u cioe' rizenja ghax ma rrapurtax ghax-xoghol u rizenja ghax abbanduna l-post tax-xoghol. Madankollu wara skambju ta' korrispondenza mal-awtorita'[23] - li min-naha taghha nfurmat lis-socjeta' appellanti li sabiex tigi processata l-formola kellha tinghata biss raguni wahda ta' terminazzjoni ta' mpjieg u mhux tnejn - fit-13 ta' Lulju[24] s-socjeta' appellanti ndikat li t-terminazzjoni kellha titqies li saret ghax l-appellat ma rrapurtax ghax-xoghol. Din il-formola giet processata b'success mill-awtorita' sal-21 ta' Lulju 2016[25]. Ma jirrizultax li l-formola in kwistjoni qatt giet ffirmata mill-appellat;

xvi. Fil-**15 ta' Lulju 2016** is-socjeta' appellanti baghtet ittra ohra lill-appellat[26] fejn interpellatu sabiex fi zmien hamest ijiem mid-data tal-ittra jhallasha s-somma ta' €1924.03 rapprezentanti nofs il-paga illi kien ikun intitolat ghaliha kieku wettaq il-kuntratt t'impjieg tieghu ghall-perjodu shih. Huwa gie nfurmat ukoll li s-socjeta" appellanti kienet diga' hadet hsieb li tiddepozita ghand l-avukat ta' fiducja taghha s-somma ta' €1,260.49 permezz ta' cekk li tirraprezenta bilanc ta' paga, bonus u *leave* spettanti lilu skont il-ligi[27]. Intqal lill-appellat li huwa seta' jaghzel li ssir tpacija billi jhallas id-differenza li kien fadal bejn iz-zewg ammonti. Fin-nuqqas, il-kumpanija kienet ser tipprocedi kontra l-appellat bi proceduri ohra legali fir-rigward tal-ammont mitlub minnha. Ghal darb ohra, kopja ta' din l-ittra ntbaghatet lid-Dipartiment responsabbli għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

xvii. Fit-**22 ta' Lulju 2016** l-appellat gabar ic-cekk dovut lilu ghas-somma ta' €1,260.49 u ddikjara li dan kien qed isir ghas-saldu u in totali sodisfazzjon ta' dak kollu dovut lilu mis-socjeta" appellanti[28];

---

[20] Fol 59.

[21] Fol 63.

[22] Fol 31-32.

[23] Fol 33 et seq.

[24] Email a fol 34.

[25] Email a fol 33.

[26] Fol 44.

[27] Breakdown tal-ammont a fol 46-47.

[28] Fol 45.

xviii. Fil-**5 ta' Settembru 2016** is-socjeta" appellanti prezentat ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 fir-rigward tas-somma pretiza minnha ta' €1924.03[29]. Ammont li jkopri nofs il-paga ghall-perjodu bejn is-16 ta' Lulju u 16 ta' Settembru, 2016;

xix. L-appellat irrespinga tali pretensjoni permezz ta' ittra ufficjali datata **19 ta' Settembru 2016**[30];

xx. Bhala fatt, u skont il-kuntratt tal-impjieg tieghu, fil-mument tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu l-appellat kien fadallu jahdem sal-**10 ta' Dicembru 2016** li kieku kompla bil-kuntratt tax-xoghol.

**LIGI.**

L-azzjoni odjerna skattat minn dak li jipprovdi **l-artikolu 36 (12) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta)** li jghid hekk –

*"Impjegat li **jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu** qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż- żmien hekk espressament miftiehem:*

*Iżda f'dan is-subartikolu u fis-subartikoli (8), (9), (10) u (11), ir-riferenzi għal "paga kollha" u "paga" għandhom ifissru l-paga li titħallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' bonus, kull allowance, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet."*

**Konsiderazzjoni.**

Is-socjeta' appellanti bdiet dawn il-proceduri sabiex tirkupra minghand l-appellat il-hlas kontemplat fl-artikolu 36 (12) tal-Kap 452 peress li fil-fehma taghha l-appellat kien abbanduna l-impjieg tieghu meta huwa ma rraportax ghax-xoghol ghal diversi granet li fihom huwa qabad u siefer minghajr ma kellu l-awtorizzazzjoni mehtiega skont il-policies tal-kumpanija.

L-appellat jikkontendi li huwa m'ghandu jaghti xejn ghax kienet is-socjeta' appellanti li keccietu mix-xoghol minghajr raguni valida.

It-Tribunal ikkonkluda li l-kaz odjern ma jistax jitqies bhala wiehed ta' terminazzjoni da parti tal-appellat li jaghti lok ghall-kundanna ghall-hlas tal-penali mitluba, imma ta' tkeccija

[29] Fol 63.

[30] Fol 52.

b'decizjoni tas-socjeta' attrici.

Fit-Tribunal l-appellat argumenta li kien tkecca ngustament mix-xoghol u li ma kienx minnu li abbanduna x-xoghol. Kwistjoni dwar allegata tkeccija ngusta hi materja li trid tigi determinata mit-Tribunal Industrijali. Min-naha tal-principal hu evidenti li kkunsidra li l-impjegat abbanduna x-xoghol, fis-sens li kien hu li telaq mill-impieg.

Hu fatt li l-appellat ma ppropona l-ebda proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' b'daqhsekk ma jfissirx li huwa kien irrizenja mill-impieg tieghu jew li accetta dak li kien qieghed isostni l-principal.

Mill-provi ma rrizultax li l-attrici kellha policy li tghid kemm huma l-granet ta' assenza minghajr awtorizazzjoni li jwassluha sabiex tikkonkludi li impjegat abbanduna x-xoghol.

Fil-fehma tal-qorti dan kien kaz ta' ***unauthorized absence*** **mix-xoghol**. M'hemmx provi li jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li l-impjegat kellu l-intenzjoni li ma jirritornax lura ghax-xoghol. Il-konvenut kien applika ghal-leave bejn l-1 u t-8 ta' Lulju, 2016, liema talba giet rifjutata darbtejn. Fil-fatt jirrizulta li bejn l-4 u t-8 ta' Lulju, 2016 l-appellat ma marx xoghol, u fid-9 ta' Lulju, 2016 mar ix-xoghol liebes l-uniformi. Cirkostanza li anzi turi li l-impjegat ma kellux l-intenzjoni li jitlaq mis-servizz tal-principal.

Huwa minnu li l-appellanti kienet baghtet l-avviz *"Termination of Employment Form"* li biha principal jaghti avviz lil Jobsplus li l-impieg kien itterminat. F'dan il-kaz ir-raguni li nghatat kienet rizenja minhabba li l-konvenut ma rrapportax ghax-xoghol u abbanduna l-post tax-xoghol. Il-fatt li l-appellat ma kkontestax dak l-avviz ma jfissirx li kien accetta dak li l-principal iddikjara unilateralment fl-avviz. L-appellanti qalet li l-appellat kellu hmistax-il jum biex jikkontesta l-avviz, minghajr ma ghamlet riferenza ghad-disposizzjoni tal-ligi. Inoltre, lanqas ma jirrizulta li l-konvenut iffirma dak l-avviz. Li kieku kien qieghed jaqbel ma' dak li ddikjara l-principal, l-appellat kien jiffirma. Avviz li jidher li gie emendat minhabba li l-awtorita riedet li tinghata raguni wahda biss ghat-terminazzjoni ta' impjieg. Hu minnu wkoll li l-attrici baghtet ittra lill-konvenut datata 8 ta' Lulju, 2016 fejn infurmatu li peress li ma rraportax ghax-xoghol bejn l-4 u t-8 ta' Lulju, 2016, *"…. Il-kumpannija ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr ghal dik illi tinterpreta n-nuqqas tieghek illi tirrapporta ghax-xoghol b'dan il-mod ripetut bhala abbandun da parti tieghek ta' xogholok; u konsegwentement l-impieg tieghek mal-kumpannija qed* ***jitqies illi gie tterminat minnek*** *b'rizultat ta' tali abbandun b'effett mis-7 ta' Lulju, 2016".* Ghall-qorti hu evidenti li l-appellat m'accettax din il-posizzjoni li ha l-principal, tant li meta gie nterpellat ihallas nofs il-paga, irrifjuta. Mhemm l-ebda prova li tista' twassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-impjegat accetta li b'dak li aghmel kien irrizenja mill-impieg. Tant hu hekk li meta l-attrici nterpellatu biex ihallas is-somma ta' €1,924.04 (ara ittra ufficjali prezentata fil-15 ta' Settembru, 2016), il-konvenut ikkontesta tali pretensjoni (ara ittra ufficjali prezentata fid-19 ta' Settembru, 2016). Veru wkoll li l-appellat ma ppproponiex proceduri biex jithallas nofs il-paga li kien jircievi li kieku baqa' impjegat. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li accetta li kien hu li

rrizenja mix-xoghol meta ma rrapportax ghax-xoghol. Kieku ried il-konvenut kellu rimedju li tatih il-ligi jekk ippretenda li l-principal keccieh ingustament. Madankollu, il-fatt li m'uzax dak ir-rimedju ma jfissirx li rrikonoxxa li kienu hu li rrizenja. Din hi biss konkluzjoni tal-principal, li hi ghal kollox ingustifikata. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li sa minn qabel giet prezentata l-kawza, il-konvenut kien accetta li huwa rrizenja mill-impieg tieghu.

M'hemm l-ebda prova li fil-perjodu ta' assenza mix-xoghol, il-principal ipprova jaghmel kuntatt mal-konvenut. Evidentement, kien jaf li l-konvenut aghmel ta rasu u xorta ha l-leave ghalkemm mhux awtorizzat. Fil-fehma tal-qorti dan kien semplici kaz ta' impjegat li aghmel ta' rasu u ha *unauthorized leave*. B'daqshekk ma jfissirx li l-impjegat telaq mis-servizz tal-principal tieghu. Ovvjament f'dawk ic-cirkostanzi, il-principal kellu kull dritt li jiehu passi dixxiplinari kontra l-impjegat. Pero' b'daqshekk il-principal ma kellu l-ebda jedd li jiddeciedi li l-assenza tal-konvenut kienet tfisser li rrizenja mix-xoghol. Dan iktar u iktar meta fil-kuntratt ta' impieg mhemmx klawzola li per ezempju tistipula n-numru ta' granet ta' assenza mhux awtorizzata li jfissru abbadun tax-xoghol, u wisq inqas ma rrizulta li l-impjegati kienu nfurmati b'xi policy simili.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur